KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-19 ta' Ġunju 2007

rigward in-noninklużjoni tal-*haloxyfop-R* fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom din is-sustanza

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 2548)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2007/437/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 fir-rigward tat-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti [1], u b'mod partikolari r-raba' subparagrafu ta' l-Artikolu 8(2) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE jistipola li Stat Membru jista', matul perjodu ta' tnax-il sena min-notifika ta' din id-Direttiva, jawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom sustanzi attivi mhux elenkati fl-Anness I ta' din id-Direttiva li diġà jinsabu fis-suq sentejn wara d-data tan-notifika, filwaqt li dawn is-sustanzi jkunu qegħdin jiġu eżaminati bil-mod fil-qafas ta' programm ta' ħidma.

(2) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 451/2000 [2] u (KE) Nru 703/2001 [3] jistipulaw ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tat-tieni stadju tal-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE u jistabbilixxu lista ta' sustanzi attivi li għandhom jiġu evalwati bil-għan li jiġu possibbilment inklużi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE. Din il-lista tinkludi l-*haloxyfop-R*.

(3) Għall-*haloxyfop-R* l-effetti fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent ġew evalwati skond id-dispożizzjonijiet stipulati fir-Regolamenti (KE) Nru 451/2000 u (KE) Nru 703/2001 għal firxa ta' użi proposti min-notifikant. Barra minn hekk, dawn ir-Regolamenti jinnominaw lill-Istati Membri li jaġixxu bħala *rapporteur* li għandhom jippreżentaw ir-rapporti ta' evalwazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet rilevanti lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurezza ta' l-Ikel (EFSA) skond l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 451/2000. Għall-*haloxyfop-R* l-Istat Membru li aġixxa bħala *rapporteur* kien id-Danimarka u kull tagħrif rilevanti tressaq fil-21 ta' Novembru 2003.

(4) Ir-rapport ta' evalwazzjoni għadda minn reviżjoni esperta mill-Istati Membri u l-EFSA u ġie ppreżentat lill-Kummissjoni fit-28 ta' Lulju 2006 fil-format tal-Konklużjoni ta' l-EFSA fir-rigward tar-reviżjoni esperta ta' l-evalwazzjoni tar-riskju tal-pestiċidi tas-sustanza attiva *haloxyfop-R* [4]. Dan ir-rapport għadda minn reviżjoni mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali u ġie ffinalizzat fl-24 ta' Novembru 2006 fil-format tar-rapport ta' reviżjoni tal-Kummissjoni għall-*haloxyfop-R*.

(5) Matul l-evalwazzjoni ta' din is-sustanza attiva, ġie identifikat xi tħassib. L-evalwazzjoni tar-riskju għall-kontaminazzjoni ta' l-ilma ta' taħt l-art ma setgħetx tiġi konkluża. B'mod partikolari nstab li l-użu tal-*haloxyfop-R*, fix-xenarji ppreżentati min-notifikant, wassal għall-apparenza ta' numru ta' metaboliti li huma persistenti u li jistgħu faċilment jgħaddu fl-ilma minerali, b'effetti li jistgħu jkunu negattivi fuq l-ilma għax-xorb. Dan qajjem tħassib li ma setax jiġi solvut fuq il-bażi tad-*data* ppreżentata min-notifikant qabel l-iskadenzi. B'żieda ma' dan, ibbażat fuq id-*data* disponibbli, jibqa' t-tħassib fir-rigward ta' l-evalwazzjoni tar-riskju għall-mammiferi. B'konsegwenza ta' dan, ma kienx possibbli li jiġi konkluż fuq il-bażi tat-tagħrif disponibbli li l-*haloxyfop-R* tissodisfa l-kriterji għall-inklużjoni fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE.

[1] ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/31/KE (ĠU L 140, 1.6.2007, p. 44).
[2] ĠU L 55, 29.2.2000, p. 25. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1044/2003 (ĠU L 151, 19.6.2003, p. 32).
[3] ĠU L 98, 7.4.2001, p. 6.
[4] *EFSA Scientific Report (2006) 87, 1-96, Conclusion regarding the peer review of pesticide risk assessment of haloxyfop-R.*

(6) Il-Kummissjoni stiednet lin-notifikant sabiex jippreżenta l-kummenti tiegħu dwar ir-riżultati tar-reviżjoni esperta u dwar jekk hux beħsiebu jappoġġja iktar is-sustanza jew le. In-notifikant ippreżenta l-kummenti tiegħu li ġew eżaminati bir-reqqa. Madankollu, minkejja l-argumenti mressqa, it-tħassib imsemmi hawn fuq baqa' mhux solvut, u evalwazzjonijiet li saru fuq il-bażi tat-tagħrif ippreżentat u evalwat matul il-laqgħat ta' esperti ta' l-EFSA ma wrewx li huwa mistenni li, fil-kondizzjonijiet ta' użu proposti, prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom il-*haloxyfop*-*R* jissodisfaw b'mod ġenerali r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5(1)(a) u (b) tad-Direttiva 91/414/KEE.

(7) Għalhekk, il-*haloxyfon*-*R* ma għandhiex tkun inkluża fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE.

(8) Għandhom jittieħdu miżuri sabiex jiġi żgurat li l-awtorizzazzjonijiet mogħtija għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li jkun fihom il-*haloxyfop*-*R* jiġu rtirati fi żmien il-perjodu preskritt u ma jiġġeddux, kif ukoll biex ma tingħata l-ebda awtorizzazzjoni ġdida għal dawn il-prodotti.

(9) Kwalunkwe perjodu ta' grazzja mogħti minn Stat Membru għat-tneħħija, il-ħżin, it-tpoġġija fis-suq u l-użu tal-ħażniet eżistenti ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom il-*haloxyfop*-*R*, għandu jkun limitat għal perjodu ta' tnax-il xahar sabiex il-ħażniet eżistenti jkunu jistgħu jintużaw fi staġun ta' tkabbir ieħor.

(10) Din id-deċizjoni ma tippreġudikax il-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għall-*haloxyfop*-*R* skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 (2) tad-Direttiva 91/414/KEE fid-dawl tal-possibilità ta' inklużjoni fl-Anness I tagħha

(11) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-*haloxyfop*-*R* ma għandhiex tiġi inkluża bħala sustanza attiva fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom il-*haloxyfop*-*R* jiġu rtirati sad-19 ta' Diċembru 2007;

(b) l-ebda awtorizzazzjoni għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom il-*haloxyfop*-*R* ma tingħata jew tiġġedded mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Kull perjodu ta' grazzja mogħti mill-Istati Membri skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4(6) tad-Direttiva 91/414/KEE, għandu jkun qasir kemm jista' jkun u għandu jiskadi mhux aktar tard mid-19 ta' Diċembru 2008.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' Ġunju 2007.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni